HAL BALZAN

IS-SEBA' SENA Nru. 39

JANNAR/FRAR 1978

EDITORJAL

IT-TAGHLIM TAD-DUTTRINA FIL-PARROĊĊA

L-edukazzjoni reliġjuża tat-tfal u ż-żgħażagħ minn dejjem ingħatat importanza kbira minn dawk li għandhom għal qalbhom il-ġid tal-Knisja u tan-nazzjon. Għaliex it-tfal u ż-żgħażagħ tal-lum huma l-irġiel u n-nisa ta' għada, huma dawk li jridu jmexxu 'l pajjiżna, dawk li jridu jiffurmaw il-familja Maltija fil-ġejjieni. Għalkemm il-gazzetta tagħna m'hijiex waħda strettament reliġjuża, b'danakollu nifhmu l-importanza tar-reliġjon fil-formazzjoni ta' ċittadini onesti u fil-bini ta' soċjetà moralment nadifa.

F'Ħal Balzan insibu diversi għaqdiet u ċentri li l-għan tagħhom huwa l-edukazzjoni reliġjuża tat-tfal u ż-żgħażagħ. Insibu ż-żewġ fergħat — tas-subien u tal-bniet — tas-Soċjetà tal-Museum, li għal aktar minn ħamsin sena ilhom igħallmu d-duttrina fil-Parroċċa. Għandna l-Azzjoni Kattolika tax-xebbiet u l-Youth Centre tal-ġuvintur, kif ukoll iż-żewġ friegħi tal-Legion of Mary. Bejniethom, dawn l-għaqdiet joffru tagħlim adattat għal etajiet differenti — minn sitt snin sa għoxrin sena u 'l fuq.

Iżda t-tfal u ż-żgħażagħ kollha qegħdin japprofittaw ruħhom minn din l-opportunità? Sfortunatament issib uħud li minn kmieni jħallu t-tagħlim tad-duttrina fil-ġenb u jintelqu għal ħafna ġiri barra u logħob fil-każini, li, ikollna nammettu, huma aktar adattati għar-rikreazzjoni tal-kbar.

Uħud miż-żgħażagħ igħidulek li m'humiex isibu dak li jixtiequ, dak li jogħġobhom, f'dawn il-postijiet. Dan jista' jkun minnu. U hawn jidħol id-dmir tal-katekisti u tad-diriġenti tal-għaqdiet reliġjużi u ċ-ċentri taż-żgħażagħ sabiex jippreżentaw it-tagħlim nisrani b'mod attraenti u aġġornat u prattiku għal żmienna. Min-naħa tagħhom, iż-żgħażagħ għandhom japprezzaw l-isforzi li jsiru minn dawk li b'sagrifiċċju kbir tal-ħin liberu tagħhom jiddedikaw ruħhom għall-edukazzjoni taż-żgħażagħ.

Il-ġenituri huma fid-dmir li jibagħtu 'l uliedhom żgħar jitgħallmu d-duttrina u jħeġġu liż-żgħażagħ tagħhom sabiex, meta jistgħu, jibqgħu jmorru jitgħallmu. Ma ninsewx li l-ewwel dmir għall-edukazzjoni tat-tfal jaqa' fuq il-ġenituri; l-għalliema u l-katekisti jgħinu,, imma qatt jieħdu post, il-ġenituri. Għalhekk il-ġenituri huma fid-dmir li jagħfsu fuq uliedhom dwar l-importanza ta' dan it-tagħlim, li jagħmel minnhom insara tajba u ċittadini aktar denji ta' pajjiżna.

IL-MILIED F'ĦAL BALZAN

Mhux l-ewwel darba li minn fuq din il-gazzetta semmajna leħinna u kkummentajna dwar xi attività jew inizjattiva tal-Parroċċa. Fejn dehrilna li kellna nfaħħru, ma bqajniex lura li nagħtu l-prosit tagħna, u ninkoraġġixxu; min-naħa l-oħra, fejn kien hemm lok ta' kritika, għamilnieha, kostruttivament kemm stajna, għall-ġid tar-raħal. Din minn dejjem kienet il-'policy' tal-gazzetta tagħna sa mit-twaqqif tagħha.

Illum jidhrilna li għandna nagħtu l-prosit lill-Kappillan u l-kleru tal-Parroċċa għall-mod kif ġew organizzati l-festi tal-Milied, l-aktar il-quddiesa ta' bil-lejl. Din is-sena, kellna orkestra tajba li, flimkien ma' kor sabiħ ta' tfal u kbar, ħolqot atmosfera verament sabiħa fil-lejl tal-Milied. Jalla din il-festa, flimkien ma' festi liturġiċi oħra ewlenin matul is-sena, tibqa' tiġi organizzata tajjeb b'mod hekk xieraq. Ta' min ifaħħar ukoll l-idea li jitqiegħdu dawk il-kaxxi ħdejn il-presepju tal-knisja, biex fihom in-nies ikunu jistgħu jagħmlu l-offerti tagħhom biex imbagħad jingħataw lil xi stitut tal-karità. Hija ħaġa sabiħa li f'dan iż-żmien tas-sena nitħajru noffru dik ix-xi ħaġa żgħira li tant tferraħ 'il ħaddieħor.

Kelma ta' tifħir ukoll tmur lill-membri tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (Museum) li, minn sena għal oħra, donnhom il-purċissjoni tal-Bambin qed jorganizzawha dejjem aktar, hekk li kull sena tiġbed aktar nies.

STARLETS

284, HIGH STREET, BALZAN

STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,

NEWSPAPERS AND CIGARETTES

Telephone: 41644

IL-BNIEDEM TAX-XITWA

Ma naħsibx li kien hemm ħaġa li kien iħobb daqs ix-xitwa. Kif jaqleb Settembru erħilu joħlom bil-ġmiel li kienet ser iġġiblu xitwa ġdida oħra. Hekk li, l-ewwel xita, u kont issibu jħares miblugħ barra t-tieqa nofsu fis-sakra bil-ferħ li kienet iġġiegħlu jħoss. Tassew, ix-xita kienet tfisser li x-xitwa waslet u magħha, is-sirda, il-kesħa, ajru msaħħab, inżul ix-xemx li jsaħħrek u ftit tas-silġ ukoll jekk din ix-xitwa tkun ħanina miegħu. Fuq kollox iżda l-festa sħuna tal-Milied; dawn kienu ħwejjeġ li ma kien jixba' minnhom qatt.

KITBA TA' CARMEL ATTARD


Ottubru. Aktar frisk, aktar sħab u aktar xita u hu kien jitilqilha għal għonq it-triq. Ma kien ikun sejjer imkien partikolari iżda l-fatt biss li kien qed jimxi f'dak it-temp kien ifisser għalih qawmien mill-ħedla u t-telqa sajfija. Mixi fil-kampanja fejn tibda tinbet xi ftit tal-ħdura iżda mixi wkoll ħdejn il-baħar li issa kien jidher tassew fis-sbuħija tiegħu kollha, rasu merfugħa u jaħbat għall-art li bħall-omm ħanina żżommu lura biex ma jiblax il-bini fejn igħammru wliedha l-bnedmin. Hekk, kien jidher tassew dak li hu, ħolqien li jista' jbeżża' u jwerwer u fl-istess ħin jagħtik gost aktar mis-sajf meta jkun "jilgħab b'werqa ta' l-alka, jew b'sebgħu jinbex xi bebbux fil-bejta". Issa l-mostru darba mans ikun imfawwar bir-rabja ta' ragħwa bajda u l-ħoss tiegħu jitfarrak mal-blat tax-xtajta jkun ħoss misterjuż u li kapaċi jħallik issummat tisma' u titpaxxa bid-dehra tiegħu.

Ma kienx bniedem li jorqod ħafna u fix-xitwa kien jorqod anqas. Mas-sagħtejn ta' bil-lejl kien jistenbah iżda kien jibqa' fis-sħana ta' soddtu filwaqt li ħsebijiet ta' nostalġija ħelwa kienu jpassu f'rasu. Barra, wara t-tieqa magħluqa, ir-riħ kien iħabbat għalxejn biex jidħol iżda minn ġewwa kien jinstama' sewwa jdur qalb is-siġar fil-ġnien ta' daru. Il-ħoss tiegħu kien ifakkru fil-kesħa t'hemm barra u dak il-ħin huwa kien jinġabar kobba b'dirgħajh imdawrin ma' riġlejh u tbissima ta' rebħ fuq wiċċu. Kien iħossu kburi li dak il-ħin kien jisfida l-elementi tan-natura li kienu jsaltnu fuqanija barra t-tieqa.

Mal-miġja mgħaġġla ta' Novembru u Diċembru l-ħolma kienet titwessa' u ssir aktar pwerili. Kienu snin twal li issa għaddew meta l-qniepen imdejqa tat-tieni jum novembrin kien kważi jħobbhom. Dak kien żmien meta dak in-nhar kien imur jitlob il-knisja għall-erwieħ tal-mejtin u tal-ħajjin (u għal ruħu). Issa biex jitlob dak in-nhar ried jinzerta l-Ħadd, il-ġurnata li fiha biss kien jirfes l-għatba tal-Knisja. Iżda t-tieni ta' Novembru kien idum biss ġurnata u l-ġurnata ta' qabel malajr kien wassal f'widnejh ħoss il-qniepen qodma jħabbru jum ta' festa. Mal-mixja tal-ġranet, mal-mixja tal-ġimgħat, l-hena kienet aktar taħkimlu 'l qalbu u 'l ruħu. Kienet tkun qed toqrob l-isbaħ festa tas-sena u f'dan iż-żmien kienu jitnisslu fih sentimenti li qatt f'ħajtu ma rnexxielu jfisser biżżejjed.

Daru ma kenitx baqgħet bħal qabel fi żmien tfulitu u din il-bidla l-aktar li kienet tinħass kien sewwa sew f'dan iż-żmien. Il-presepju tal-kar-

• għal paġna 4



L-Artal tal-Madonna tal-Karmnu fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan.
(ara paġna 2)

VISIT THE NEW

MICRO MARKET

AT

IDMEJDA STREET,

BALZAN

Telephone: 43602

"HAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-
BORD EDITORJALI — "ĦAL BALZAN"

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel'
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

X'ĠARA FOSTNA

NOVEMBRU 1977

"Is-setet li hawn fostna, u għaliex ma nistgħux naqblu magħhom" kien is-suġġett ta' taħdita għall-kbar li saret fis-Sala Parrokkjali Aurora nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Novembru. Il-kelliemi kien Patri Tarċisju Licari, Karmelitan, u din ġiet organizzata mill-Azzjoni Kattolika.

Nhar il-Ħadd, 6 ta' Novembru, sar it-tberik taċ-Ċimiterju. Fil-jiem ta' wara saru l-uffiċċjaturi, it-talb u l-quddies għas-saċerdoti mejtin tal-Parroċċa u għall-imseħbin fl-erba' fratellanzi. Nhar l-Erbgħa, 23 tax-xahar, fil-għodu l-Kappillan organizza pellegrinaġġ għaċ-Ċimiterji ta' Wied Għammieq u ta' l-Addolorata. Saret quddiesa bit-tqarbina fiċ-Ċimiterju ta' Wied Għammieq, u mbagħad żjara liċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata.

Il-festa ta' Kristu Re din is-sena saret nhar il-Ħadd, 20 ta' Novembru. Il-korteo beda fit-3.00 p.m. mill-Arena ta' l-Indipendenza, il-Furjana, u spiċċa fil-pjazza ta' quddiem San Ġwann, il-Belt, fejn sar diskors minn Mons. Arċisqof Giuseppe Mercieca u ċelebrazzjoni biblika. Il-Parroċċa tagħna ħadet sehem fil-korteo; attendew diversi membri mill-għaqdiet ta' Ħal Balzan u mill-poplu.

L-eżerċizzi ta' l-Avvent saru bejn it-Tnejn, 28 ta' Novembru, u l-Ġimgħa, 2 ta' Diċembru. Fil-quddiesa ta' fil-għaxija saret ta' kuljum il-priedka minn Patri Ġużeppi Galdes, Ġiżwita.

DIĊEMBRU 1977

Nhar is-Sibt, 3 ta' Diċembru, fil-Museum tas-subien sar il-final tal-Quiz bejn it-tfal u ż-żgħażagħ ta' din l-Għaqda. Il-preżentazzjoni tal-premjijiet saret mill-Kappillan li, flimkien mas-saċerdoti tal-Parroċċa, kien preżenti għall-okkażjoni. Kienu mistiedna wkoll il-ġenituri tat-tfal.

Nhar it-Tlieta, 6 ta' Diċembru, fis-Sala Parrokkjali sar forum fuq l-Abort, organizzat mill-Kunsilli Parrokkjali tal-Parroċċa u ta' San Ġużepp Ħaddiem ta' Birkirkara. Fil-forum ħadu sehem il-Prof. M. Eminyan S.J., il-Prof. Ġ. Aquilina, Dr. Lydia Zammit, u s-Sinjura Doris Spiteri. L-attendenza għal dan il-forum kienet numeruża ħafna. (ara paġna 3).

Il-Ħamis, 15 tax-xahar, bdiet in-novena tal-Milied bil-priedka fil-quddiesa ta' fil-għaxija. In-novena baqgħet sejra sal-Ġimgħa, 23 mix-xahar. Is-Sibt, lejlet il-Milied, fil-5.30 p.m. tkanta l-għasar, ingħad ir-Rużarju, u saret ċelebrazzjoni ewkaristika, u mbagħad il-quddiesa. Fis-6.00 p.m. sar, bħassnin l-imgħoddija, il-korteo bil-Bambin minn ħdejn il-Museum tas-subien. Fil-korteo ħadu sehem it-tfal u ż-żgħażagħ u għadd kbir ta' Balzanin, kif ukoll il-Banda 'San Gabriel'. Fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Santa Marija saret il-priedka tat-tifel u wkoll għadd ta' poeżiji minn tfal ċkejknin. Ittellgħu wkoll il-premjijiet tas-soltu lil dawk preżenti.

Fil-11.15 p.m., fil-Knisja Parrokkjali, tkantaw l-għanjiet tal-Milied u saret il-priedka tat-tifel. F'nofs il-lejl sewwa ħarġet il-quddiea kantata konċelebrata bl-orkestra u b'kor ta' kbar u tfal. Kienet quddiesa tabilħaqq sabiħa, u s-sehem ta' l-orkestra għen ħafna biex il-quddiesa tingħoġob mill-ħafna nies li kienu preżenti għaliha.

L-għada tal-Milied, fis-Sala Parrokkjali, il-Kappillan qassam il-premjijiet lill-abbatini li ħarġu rebbieħa fil-Quiz li ġie organizzat għalihom. Il-ġenituri tat-tfal kienu preżenti wkoll. Din is-sena wkoll, bħas-sena l-oħra, reġgħu tqiegħdu kaxxi fejn il-presepju fil-knisja sabiex fihom jitqiegħdu xi offerti ta' oġġetti ta' l-ikel, jew inkella ta' flus, biex ikunu jistgħu jingħataw lil xi istitut tal-karità. L-offerti setgħu jsiru mill-Milied sa l-Ewwel tas-Sena.

Nhar is-Sibt, 31 ta' Diċembru, l-aħħar jum tas-sena tkanta t-Te Deum ta' radd il-ħajr lil Alla għall-grazzji kollha li għoġbu jxerred fuqna tul is-sena 1977.

BEBE
L-AQWA ĦANUT
GĦALL-ĦWEJJEĠ
TAT-TFAL

IL-KNISJA PARROKKALI (27)

TAL-KARMNU

Wara li rajna xi ħaġa dwar l-Artal tal-Kurċifiss, imiss din id-darba niktbu x'sirna nafu dwar l-Artal tal-Madonna tal-Karmnu. Dan l-artal qiegħed fil-korsija u jiġi l-ewwel l-aktar qrib ta' l-Artal Maġġur fuq in-naħa tal-lemin.

Għad li llum dan l-artal nafuh bħala l-artal tal-Madonna tal-Karmnu, mhux mill-bidu kien magħruf b'dan it-titlu għaliex l-ewwel ma kien iddedikat kien lis-Santissima Trinità u lill-Erwieħ tal-Purgatorju. Għalhekk naraw qabel xejn kif beda dan l-artal.

L-ARTAL TAS-SSMA. TRINITA' U TA' L-ERWIEĦ TAL-PURGATORJU KIF BEDA

Il-Protonotarju Apostoliku Dun Dumink Debono, wieħed mill-aqwa benefatturi li għenu għall-bini ta' din il-Knisja Parrokkjali, li kif konna għedna kien ħalla r-renti tal-beni tiegħu kollha għal seba' snin sħaħ għall-bini ta' din il-Knisja. (1) bejn b'devozzjoni u bejn b'rikonoxxenza, fit-testment tiegħu li għamel fl-atti tan-Nutar Baskal Debono nhar l-20 ta' Awissu 1666, insibu li talab u ordna li: "Tibda titqaddes quddiesa baxxa kuljum fl-awrora, qabel ma titla' x-xemx, bl-elemożna ta' tari u għaxar grani... fil-ġranet tax-xogħol titqaddes fuq l-artal tal-Madonna tar-Rużarju u fil-Ħdud u fil-festi tal-preċett, titqaddes fuq l-artal tas-Ssma. Trinità u ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju. Dan l-artal qed jieħu ħsieb il-bini tiegħu l-istess testatur (Dun Dumink Debono) fil-Knisja Parrokkjali li għadha qed tinbena, u jitlob li sakemm dan l-imsemmi artal (tas-Ssma. Trinità) ikun lest, il-quddies fuq imsemmi jitqaddes kollu fuq l-artal tal-Madonna tar-Rużarju u mhux fuq artal ieħor..."

Fil-paragrafu sitta ta' l-imsemmi testment, Dun Dumink talab li fuq dan l-artal jibdew isiru kemm il-Primi Vespri kif ukoll quddiesa kantata fil-festa tas-Santissma Trinità. Talab ukoll li jinxtegħel il-lampier. Ħalla wkoll biex dan l-artal u din il-kappella li qed tinbena tiġi ddotata b'dak kollu li hu meħtieġ, b'mod speċjali li jkun hemm il-ħwejjeġ sagri li jilbes il-qassis għall-quddiesa, kif ukoll ikun hemm kalċi bil-patena, missal u qanpiena għad-daqq tas-sanctus. (2)

L-ARTAL TAS-SSMA. TRINITA' U L-VIŻTI PASTORALI

L-ewwel darba li nsibu msemmi dan l-artal kien fil-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Mikiel Hieronimus Molina, li għamel lill-Knisja Parrokkjali nhar it-3 ta' Jannar 1679. Fir-relazzjoni nsibu li wara li ssemmew l-artali: Maġġur, tar-Rużarju, ta' Sant' Anna u ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesù, naqraw li: "L-artal tas-Ssma. Trinità għandu quddiemu lampier. Fin-nofs tal-gwarniċ hemm kwadru li fil-parti ta' fuq tiegħu hemm impittra s-Ssma. Trinità u l-Madonna u fil-parti t'isfel hemm impittra l-Erwieħ tal-Purgatorju. Dan l-artal hu miżmum tajjeb ħafna u għandu dak kollu li hu meħtieġ. Dan l-artal hu tal-ġebel u tajjeb biex fuqu jsir il-quddies. Dan l-artal ġie mwaqqaf minn Dun Dumink Debono, li ħalla renti biex kuljum titqadeds quddiesa baxxa fuq dan l-artal. Ħalla wkoll li fil-Festa tas-Ssma. Trinità titqaddes quddiesa kantata kif ukoll isiru l-Primi Vespri". (3)

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

Il-Kwadru tas-Ssma. Trinità fuq imsemmi, illum jinstab fis-sala ta' fuq is-sagristija l-qadima. Dan il-kwadru hu artistiku kif ukoll espressiv ħafna. Fil-parti ta' isfel jidhru għadd ta' erwieħ jistennew li jiġu meħlusa min-nar. Fl-isfond jidher anġlu qed italla' ruħ. In-naħa tal-lemin hemm il-Madonna qiegħda b'idejha msallba fuq sidirha qed titlob għall-erwieħ. In-naħa l-oħra hemm Ġesù wieqaf bix-xettru f'idu l-leminija, aktar 'il fuq jidher il-Missier Etern u fin-nofs l-Ispirtu s-Santu.

Inkomplu bir-relazzjonijiet tal-Viżti Pastorali dwar dan l-artal. It-tieni darba li naraw imsemmi l-artal tas-Ssma. Trinità hu fil-Viżta ta' l-Isqof David Cocco Palmieri, li għamel nhar it-3 ta' Diċemrbu 1686, fejn igħidilna li dan l-artal qiegħed fuq in-naħa tax-xelħug tan-navata prinċipali tal-Knisja. Igħid ukoll li dan l-artal ġie mwaqqaf mill-mejjet Dun Dumink Debono J.U.D. u jagħti deskrizzjoni tal-kwadru bħal ma għamel l-Isqof fil-viżta ta' qabel. (4)

Fit-tliet viżti pastorali ta' l-istess Isqof Cocco Palmieri, li għamel fis-snin 1693, 1699 u 1709, kif ukoll fil-viżta ta' l-Isqof Canaves tal-1716, insibu kollox bħal ma rajna fir-relazzjoni tal-1686.

Fis-16 ta' Mejju 1723, fil-Viżta ta' l-Isqof Gori Mancini, insibu li l-Artal tas-Ssma. Trinità hu ta' Ġuspatronat. (5)

L-Isqof Alpheran De Bussan, fil-Viżta tas-6 ta' Diċembru 1729, igħidilna li l-parti ta' fuq ta' l-artal hi ta' l-injam. (6)

L-istess Isqof, fit-tielet Viżta tal-21 ta' Settembru 1745, talab li jiġi rrinovat il-gwarniċ tal-ventartal. (7)

Fid-9 ta' Ottubru 1758, l-Isqof Bartilmew Rull ifakkar li dan l-artal hu ta' Ġuspatronat tal-mejjet Dun Dumink Debono u jgħidilna li mal-ġenb ta' dan l-artal hemm skolpiti fil-ġebel l-armi tal-kunjom Debono. (8)

L-Isqof Vinċenzo Labini, fil-Viżta tiegħu tad-9 ta' Ġunju 1781, barra milli hu wkoll isemmi li mal-ġenb ta' l-artal hemm l-armi ta' Dun Dumink Debono skolpiti, igħid ukoll li quddiem dan l-artal hemm il-qabar, mgħotti b'lapida tar-rħam, li fih hemm midfun il-Protonotarju Apostoliku Dun Dumink Debono. (9)

L-istess Isqof, fl-20 ta' Diċembru 1789, talab li fuq l-artal tas-Ssma. Trinità jitqiegħed salib. (10)

Fil-Viżta tat-12 ta' Diċembru 1791, dan l-Isqof Labini mar isejjaħ lil dan l-artal bħala l-artal ta' l-Erwieħ fejn igħid ukoll li stenna li l-Kurċifiss li jitqiegħed fuq dan l-artal ikun aħjar minn dak li hemm. (11)

L-OBBLIGI MITLUBA MINN DUN DUMINK DEBONO

L-obbligi mitluba fit-testment ta' Dun Dumink Debono u li għandhom x'jaqsmu ma' dan l-artal jidher li twettqu. Insemmu l-quddies, l-anniversarji, il-quddies kantat u baxx fl-Ottava ta' l-Erwieħ, kif ukoll il-Primi Vespri u l-Quddiesa Kantata fil-festa tas-Santissma Trinità. Dan jixhduh ir-reġistri tal-Parroċċa. (12)

RITRATT TA' DUN DUMINK DEBONO

Fis-sagristija hemm il-kwadru li juri x-xbieha tal-Protonotarju Apostoliku Dun Dumink Debono J.U.D. F'dan il-kwadru naraw li r-rabta tad-devozzjoni li kellu dan il-qassis mas-Ssma. Trinità kienet hekk kbira li l-pittur li pinġa lil Dun Dumink qiegħed lil dan il-qassis għarkobbtejh f'riġlejn artal iddedikat lis-Ssma. Trinità u fin-nofs tal-ventartal poġġa l-arma ta' Debono.

IL-KWADRU TAL-MADONNA TAL-KARMNU

L-ewwel darba li nsibu lill-artal tas-Ssma. Trinità magħruf bħala l-artal tal-Madonna tal-Karmnu kien fir-relazzjoni tal-Viżta ta' l-Isqof Pietru Pace, li għamel lill-Knisja Parrokkjali nhar it-30 ta' Settembru 1906. Dan l-Isqof insista li l-mensa ta' dan l-artal issir tar-rħam. Il-prokuratur ta' dan l-artal tal-Madonna tal-Karmnu kien il-Kappillan Amabile Sisner. (13)

• għal paġna 3

A V V I Ż

Huma meħtieġa għal studju postali 'envelopes' ta' Malta bil-bolli wżati fuqhom. Aktar ma jkunu qodma, aktar aħjar. Minflok ma tqattgħuhom tistgħu tbigħuhom lis-
Sur Anthony Fenech
'Miele',
Old Railway Road,
Balzan.
Telephone 40705

IL-FORUM FUQ IL-PASTORALI: SUCCESS!

Il-forum li sar fl-Aurora Hall fis-6 ta' Diċembru 1977 kellu l-għan li juri l-verità tal-kelmiet kwotati mill-ittra pastorali ta' l-isqfijiet dwar l-abort, moralità u paċi bejnietna: "Il-ħażin ta' spiss jiġi mpinġi lilna bħala tajjeb."

Doris Spiteri, 'Adviser' ta' Kana minn Hal Balzan, uriet serje ta' "slides". Hi żvolġiet b'mod l-iżjed ċar kif il-kwistjoni morali tibqa' mal-bniedem fil-progress li jagħmel fix-xjenza. It-tabib ma jista' qatt juża t -teknika tiegħu kontra l-istess ħajja ta' tfal mhux imwielda għall-iskopijiet personali ta' ġenituri bla ħniena.

Charles Borg u Joe Aquilina mbagħad semmgħulna għanja fuq l-abort li esprimiet sew dak li jħoss wieħed meta jirrejalizza li l-abort hu, wara kollox, xejn inqas minn qtil.

Wara li l-erba' kelliema għamlu introduzzjoni fuq is-suġġett, huma wieġbu għall-mistoqsijiet li sarulhom minn diversi fost il-madwar mitejn ruħ li attendew. Prof. Eminyan wera kif fil-ħsieb jiżbalja min, per eżempju, jargumenta li t-trabi qabel it-twelid jekk huma ta' periklu għas-saħħa ta' l-omm, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala "agressuri", u li l-qtil tagħhom ikun leġittimament permess taħt l-ideja nisranija ta' qtil għal difiża ġusta ta' persuna. Il-falsità ta' dan l-argument huwa l-fatt li t-tarbija ma jkollha l-ebda ħsieb jew xewqa li tipperikola l-ħajja t'ommha.

Dr. Lydia Zammit, tabiba minn B'Kara, tat xhieda mill-esperjenza tagħha li tabib jista' tassew ikun ħanin billi jagħmel kemm jista' ma' l-omm ħalli tgħix hi u t-tarbija. Anki f'każi diffiċli fejn hemm periklu mediku — u dawn illum saru rari ħafna — il-vera ħniena ma turihiex bil-qtil dirett ta' persuna umana.

Il-forum tmexxa taħt iċ-"chairmanship" tal-Prof. J. Aquilina li, apparti mis-sehem tiegħu fid-dibattitu, irnexxielu b'ħila kbira jżomm kollox miexi b'ritmu fejn l-interess baqa' jinħass sa l-aħħar.

Kienu evidenti li l-preparamenti magħmula mill-Kunsilli Parrokkjali ta' Hal Balzan u ta' San Ġużepp Haddiem kienu taw, bl-għajnuna tal-Mulej, l-Awtur tal-Ħajja, frott tajjeb għax anke l-istess xita ma żammitx li timtela s-Sala.

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Saru membri tal-Ġisem ta' Kristu bil-Magħmudija

Tabitha-Rachel Mifsud, bint Anton M.D. u Susan.
Helen Bezzina, bint John u Violet.
David John Farrugia, bin John u Mary Rose.
Martin Baldacchino, bin Joseph u Mary.
Daniela Xuereb, bint Walter u Kathleen.
Ruth Tonna, bint Anthony u Carmen.
Christopher Mallia, bin Joseph u Rose.
Jason Parnis, bin John u Carmen.
Karl Mercieca, bin Joseph u Therese.
Giselle-Marie Azzilla, bint Charles u Jane.
Roberta Buttigieg, bint Josef u Maria.
Caroline Meilak, bint Tony u Doris.
Alan Deguara, bin Manuel u Rita.

Qaddsu l-imħabba tagħhom bi żwieġ nisrani

Raymond Mallia u Anna Bartolo.
Godwin Cini u Connie D'Amato.
Godfrey Agius u Mary Ann Attard.

Ingħaqdu mal-Ħallieq għal dejjem

Salvatore (Turu) Muscat.
Raymond Pace.
Joseph Farrugia.
Giovanna Sammut.
Suor Brigida Gatt, tas-Sorijiet tal-Karità.
Suor Giuseppa Piscopo, tas-Sorijiet Franġiskani ta' Marija.

COMBINED INDUSTRIES LIMITED
JOSEPH LICARI — TOBACCO DIVISION
Telephone: 24301

ARS VITREA — GLASS AND MIRRORS DIVISION
Telephone: 40323

UTILITY WOODWORKS — FURNITURE AND JOINERY DIVISION
Telephone: 42027

MALTA ALUMINIUM LIMITED
Telephone: 42027

100, St. Anthony Street, Lija, Malta
Cable Address: Jolica, Malta.

• minn paġna 2

IL-FESTA TAL-MADONNA TAL-KARMNU

Il-festa tal-Madonna tal-Karmnu kienet diġà bdiet issir fil-Parroċċa sa minn qabel is-sena 1798, qabel il-miġja tal-Franċiżi. Fil-ktieb ta' l-amministrazzjoni tas-Sur Gian Karl Grech Delicata 1798-1804, insibu li: "Fis-sena 1798, imħabba l-imblokk tal-Franċiżi, il-Primi Vespri u l-Quddiesa Kantata nhar il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu ma sarux peress li l-imgħaxijiet mill-Monte di Pietà ma ġewx mogħtija. L-istess ġara fis-snin 1799 u 1800. L-ewwel darba li saret il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu kien fis-sena 1901 mea l-Monte di Pietà bdiet mill-ġdid tagħti l-imgħaxijiet". (14)

Wara s-sena 1801, il-festa tal-Madonna tal-Karmnu baqgħet dejjem issir. Dan jixhduh il-kotba ta' l-amministrazzjoni tal-Parroċċa. (15)

Benefattur għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu nsibu lil Ġużeppi Gauci, li ħalla s-somma ta' 400 skud bl-obbligu tal-Primi Vespri, quddiesa kantata u paneġierku fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù, Primi Vespri u quddiesa kantata fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu u fil-festa tal-Madonna tad-Duluri. (16)

L-ARTAL TAL-MADONNA TAL-KARMNU LLUM

Illum dan l-artal hu tarrħam. Fl-1973 il-prospettiva bl-iskultura ta' mad-dawra u l-kolonni ġew restawrati u ndurati minn Valent Chetcuti u Manwel Farrugia rispettivament. Il-kwadru hu tal-magħruf pittur Ġużeppi Cali'. Dan l-artal għandu l-armar tiegħu bħal ma għandhom l-artali l-oħra, fosthom lampier tal-fidda. U la qed insemmu l-lampier, dan l-aħħar benefattur ħalla biex il-lampier ikun jista' jinxtegħel nhar t'Erbgħa.

U biex l-artal ma jitbigħedx mill-ewwel titular tiegħu, fuq il-kwadru tal-Madonna hemm kwadru ovali li fih impittra x-xbiha tat-Trinità Mqaddsa.

REFERENZI:

1. DIMECH G.; "Hal Balzan" Nru. 15.
2. ARKIVJU PARROKKJALI ... Lib. 15.
3. MOLINA M.H. — Visit. Past. fol. 114.
4. COCCO PALMIERI D. — Visit. Past. fol. XXII.
5. GORI MANCINI G. — Visit. Past. fol. 385.
6. ALPHERAN DE BUSSAN P. — Visit. Past. fol. 727.
7. ALPHERAN DE BUSSAN P. — Visit. Past. fol. 325.
8. RULL B. — Visit. Past. Vol. II p. 1.
9. LABINI V. — Visit. Past. fol. 289.
10. LABINI V. — Visit. Past. fol. 118.
11. LABINI V. — Visit. Past. fol. 120.
12. ARKIV. PARR. — Lib. 15 p. 5, 113, 155, 193. Lib. 49; Lib. 52
13. PACE P. — Visit. Past. fol. 58.
14. ARKIV. PARR. — Lib. 5.
15. ARKIV. PARR. — Lib. 26; Lib. 49.
16. ARKIV. PARR. — Lib. 20, fol. 153.

ROKNA GHAT-TFAL

Tfal għeżież,

Hekk kif noħroġ mid-dar, l-ewwel ħaġa li nagħmel hi li nagħti daqqa t'għajn lejn il-posters tal-gazzetti biex naqra l-'headlines'.

Tista' tgħid li ta' spiss fuq xi wieħed minnhom għandek issib: "ŻAGĦŻUGĦ MAQTUL FIL-GŻIRA", "SARET SERQA KBIRA", "HOLD UP F'BIRKIRKARA", "RAĠEL MILQUT GĦAVI B'TIRI TA' REVOLVER"!

Xi drabi nistaqsi lili nnifsi u ngħid: "Għaliex dawn il-ħwejjeġ hekk koroh u tal-biża' jsiru tant spiss fil-gżira ċkejkna tagħna? Kif jaslu dawn iż-żgħażagħ li jagħmlu delitti bħal dawn?"

Tfal, taħsbu intom li min jasal biex jagħmel dawn il-ħwejjeġ sar ħażin daqshekk fi ftit ġranet jew ftit ġimgħat? Żgur li le! Min qatel illum għax kien kattiv meta kien żgħir, u min għamel serqa kbira llum għax kien imdorri jisraq ħwejjeġ żgħar meta kien għadu żgħir.

Ħadd ma jsir ħażin f'daqqa, u dak li hu kbir, tajjeb jew ħażin, jibda dejjem biż-żgħir. Min hu għaqli, l-affarijiet żgħar jagħtihom l-importanza tagħhom għax permezz tagħhom ifassal il-karattru tiegħu.

Nies kbar bħal ma kien George Washington, President tal-Amerika, sa minn meta kien żgħir qatt ma kien igħid gidba, avolja żgħira. Għall-kuntrarju tiegħu, Hitler, min kiteb il-ħajja tiegħu jgħid li meta kien żgħir rari kien joqgħod attent għal-lezzjoni tal-katekiżmu.

Għalhekk, tfal għeżież, jekk tridu li meta tikbru isimkom qatt ma jidher f'xi gazzetta dwar xi delitt li tkunu għamiltu, qisu li taħarbu n-nuqqasijiet żgħar għax biħom taslu fl-iżbalji kbar.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Għall-kompetizzjoni ta' din il-ħarġa, rajna li tkun ħaġa tajba li naraw x'tafu fuq Malta, il-gżira għażiża tagħna. Għalhekk hejjejnielkom xi ftit mistoqsijiet fuq l-istorja ta' Malta li għandkom twieġbu għalihom. Il-mistoqsijiet huma dawn:

1. **F'liema sena ġew Malta l-Kavalieri ta' San Ġwann, li wara bdew jissejħu wkoll il-Kavalieri ta' Malta?**
2. **F'liema sena ġara l-Assedju l-Kbir ta' Malta, u min kien il-Gran Mastru li mexxa l-Maltin kontra l-għadu?**
3. **Liema kien l-ewwel Gran Mastru ta' Malta?**
4. **Liema kien l-aħħar Gran Mastru ta' Malta?**

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fil-letterbox ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 18 ta' Frar, 1978.

Is-soluzzjoni tal-kompetizzjoni ta' l-aħħar ħarġa ta' Novembru/Diċembru 1977 kienet din:
1. Xebbajtni; 2. Xellug; 3. Xettru; 4. Xitla; 5. Ximenes; 6. Xtrah; 7. Jxerre(d); 8. Xebbajthom.

Il-kelma li kellkom issibu fil-kaxxi mmarkati skuri kienet "Betlehem".

Ir-rebbieħ ta' din il-kompetizzjoni kien Stephen Xuereb, li joqgħod "Ġiżimin", New Street off Old Railway Road, Hal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

SALE ... SALE ... SALE ...

PARISON

700, HIGH STREET, HAMRUN

OKKAŻJONI MHUX TA' MIN JITLIFHA!

Lożor kbar	80 x 96	minn	£M4.25	għal	£M3.75
	80 x 100	,,	£M5.50	,,	£M4.75
Tal-wieħed u nofs	70 x 91	,,	£M3.25	,,	£M3.00
Lożor tal-għamara fjuriti bl-investa	80 x 100	,,	£M7.00	,,	£M6.00
Terylene abjad wisa'	48"	minn	55	għal	40
Terylene abjad wisa'	60"	,,	65	,,	50
Terylene fjurit wisa'	60"	,,	90	,,	80
Terylene abjad bil-frill wisa'	60"	,,	75	,,	60
Kreton wisa' doppju (taħt u fuq xorta)		minn	90	għal	60
Drapp lixx oħxon wisa' doppju		,,	£M1.00	,,	80
Regency 'striped' wisa' doppju		,,	£M1.60	,,	£M1.50
Goblen wisa' doppju		,,	£M1.75	,,	£M1.45
Tapizzerija wisa' doppju		,,	£M2.50	,,	£M2.00
Damask wisa' doppju		,,	£M1.60	,,	£M1.45
Dralon (bellus) doppju		,,	£M3.75	,,	£M3.25

Tel. 27869

TISLIMA LIL MARIJA ANNUNZJATA

Din it-tislima nqrat fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Ħal Balzan mis-Sur Tonio Borg, nhar il-festa titulari, il-Ħadd, 10 ta' Lulju 1977, qabel dħul il-vara.

Oh Marija! Aħfirli jekk f'isem il-poplu Balzani kollu sejjaħtlek b'isem daqshekk familjari. Iżda b'liema isem stajt sejjaħtlek u sellimtlek jekk mhux b'wieħed li s-soltu jużaw nies li huma ta' ġewwa? Iva, Marija, wara rabta twila u dejjiema mal-poplu ta' dar-raħal, min jista' jiċħad li inti ommna u aħna wliedek, min jista' jiċħad li qatt ma ċħadt li terfa' l-mantar kaħlani tiegħek minn fuq dan ir-raħal tiegħek, safi, umli u sempliċi, bħalma safja u sempliċi kienet il-ħajja tiegħek fuq din l-art! Għadek kif għaddejt mit-triqat tagħna u mill-pjazez tagħna; m'għandniex xi triqat twal u wesgħin jew xi bini għoli li t-tarf tiegħu l-għajn ma tilmaħx, bħalma ssib fl-ibliet il-kbar.

Iżda dar-raħal ċkejken, għani fil-faqar u kbir fi ċkunitu, magħruf ma' l-erba' rkejjen ta' Malta bħala l-"ġnien ta' pijjiżna", kien, għadu u nittamaw li jibqa' jokkupa post speċjali fil-qalb ħanina tiegħek. Għax l-imħabba tal-qalb u l-qdusija m'humiex marbutin mal-kobor jew il-wisa', iżda tabilħaqq xi kultant jinsabu fiċ-ċkejknin u ż-żgħar. Iva, int Ħal Balzan, m'intix int forsi wieħed mill-iżgħar irħula ta' din l-art ħelwa, iżda lilek illum tmiss ix-xorti li tiċċelebra kif jixraq, bil-ferħ u l-briju kollu, il-festa ta' wieħed mill-isbaħ mumenti fil-ħajja ta' Sidtna Marija, jiġifieri, meta l-Anġlu Gabrijel ħabbar lil Sidtna Marija li kellha tkun Omm Alla?

Kemm-il darba għidnihomlok dawn il-kelmiet, Oh Marija! "L-Anġlu Gabrijel ħabbar lil Sidtna Marija li kellha tkun Omm Alla". Ma nlumekx li għal dan il-kliem, kif igħidilna l-Vanġelu, inti tħawwadt. Għax liema mara li hija verġni u ma tagħrafx raġel tista' anki biss toħlom li ħabta u sabta, kontra kull liġi tan-natura, issir omm u fl-istess waqt iżżomm il-verġinità tagħha; anzi mhux talli biss tkun Verġni u Omm, imma talli tkun ukoll Omm Alla, Omm ta' Dak li ħalaqha? Iżda dan it-taħwid ġustifikat bl-ebda mod ma fixklek biex inti tagħżel li tagħmel il-parti tiegħek fil-pjan t'Alla. Malajr ħareġ il-kliem ħelu u li tant idoqq għal widnejna: "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej ikun minni skond kelmtek'. X'differenza mill-attitudini li ħadu dawk li, għax il-Mulej qalilhom li kellhom jieklu ġismu u jixorbu demmu ma komplewx jimxu warajh... anzi, kif igħidilna l-Vanġelu "kienu ħafna dawk li telquh"! Proprju għax raw li l-kliem ta' Kristu ma kienx jaqbel ma' l-ordni stabbilit tan-natura, qabdu u dabbru rashom. Iżda inti le, oh Marija! Int kont pronta u għidt: "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ikun minni skond kelmtek", għax fhimt li għal Alla m'hemm xejn li ma jistax isir.

L-iżball ta' ħafna minna llum hu li naħsbu li Alla jaħseb bil-moħħ ċkejken tagħna l-bnedmin. Lil Eliżabetta, in-nies kienu jseħulha "dik li ma setax ikollha tfal"; iżda bir-rieda t'Alla welldet fix-xjuħija lil ħadd inqas minn Ġwanni, l-ikbar profeta t'Alla. U int Marija kellek tkun it-tempju mqaddes li fih kellu jieħu s-sura ta' bniedem il-Ħallieq tiegħek stess; bqajt verġni u fl-istess ħin sirt omm; bqajt verġni dedikata lil Alla biss; sirt omm biex twelled lil Dak li kellu jsalvana skond il-pjan maħsub minn Alla. Ngħid jien, min jaf x'għadda minn moħħok f'dak il-mument meta l-Anġlu Gabrijel, il-mibgħut t'Alla, ħabbarlek li kellek issir omm Dak li kellu jsalvana? Forsi għaddew minn moħħok is-sjuf li kellhom jinfdulek qalbek... jew inkella s-sofferenzi li kellek tgħaddi minnhom? Jew inkella l-ipokresija ta' dawk li l-ewwel sellmu lil Ibnek bil-palm f'idejhom, ixejru kemm jifilħu u jgħajtulu "Sultan", imbagħad xejn ma sabuha bi tqila biex idendluh bejn sema w art fuq salib?

F'dak il-mument ta' ferħ meta int ġejt imsejħa "imbierka fost in-nisa" u li "imbierek kien il-frott tal-ġuf tiegħek", ħsibt ftit fuq l-umiljazzjoni li kellek tgħaddi minna, li tiġi stmata bħala omm ta' wieħed li ttella' biex imut fuq il-post tal-Golgota, post mistmerr minn kulħadd? Jew inkella li kellek tilqa' lil Ibnek fuq ħoġrok, minfud minn kullimkien, u li d-dmugħ ta' ħaddejk kellu jitħallat mad-demm ħiereġ mill-istess ġisem safi li disa' xhur wara kellek twelled?

Marija! Naħseb li dan kollu int ħassejtu!... għax int kont tad-demm u l-laħam bħalna: int ma kontx xi ħadd li aħna ma nistgħux nifhmu għax fin-natura differenti minna!... int kont bniedma bħalna: kont ixxerred id-dmugħ kemm tal-ferħ kif ukoll tat-tbatija. Fil-fatt hija dil-kwalità tiegħek li lilna ġġegħelna nitħaddtu miegħek bl-ikbar kunfidenza.

Oh Marija! Naħseb li meta dort mar-raħal tagħna, rajt b'liema entużjażmu ħejjejna din il-festa għalik. Pero' tħallix li d-dawl tal-bozoz kuluriti jgħammixna, tħallix li d-duħħan tal-logħob tan-nar jagħmina, tħallix li d-daqq tal-banda jtarraxna, tħallix li dan it-tiżjin li b'tant paċenzja u sagrifiċċju hejjejna għalik inessina l-vera tifsira tal-jum tallum. Ma naħsibx li se ċċanfarna, int li kont Omm, int li kont bniedma bħalna, jekk dil-festa tiegħek nagħmluha wkoll festa tar-raħal tagħna. Iżda begħidna mill-mument meta lilek nibdew narawk biss bħala xbieha ta' l-injam maħsula biddeheb; jew meta l-festa tiegħek nibdew nużawha biss biex inressqu t-turisti lejn pajjiżna u r-raħal tagħna; jew meta l-festi esterni li jirriflettu l-karattru mediterran ta' poplu dħuli u daħkani joħonqu t-tifsira ta' din il-ġurnata. Begħidna jiġifieri mill-mument meta nibdew nistennew dan il-jum ħalli npaxxu l-ġisem flok ir-ruħ.

Iżda għallimna dejjem nersqu lejk! Għallimna niftakru, meta naraw dix-xbieha tiegħek li għandna quddiemna, ir-rassenjazzjoni tiegħek għar-rieda t'Alla, miġbura tant sabiħa fil-kliem "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej", il-kuraġġ tiegħek li jitlob x'jitlob il-pjan t'Alla inti twettqu... u fuq kollox għallimna li nkunu umli bħalek! Meta sirt taf li kellek issir Omm Alla kellek mitt elf raġun biex tiftaħar... għax liema Omm ma tifraħx meta jgħidulha li binha għad ikun kbir, u li għad jissejjaħ Bin il-Għoli, u li għad isaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u li ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu? Minflok, ingħalaqt fik innifsek għax kont taf li għad tgawdi lil Ibnek fl-eternità!

Għinna nitgħallmu minn dawk li tbiegħdu minnek li jekk naħarbuk insibu s-solitudni u l-mewt fil-ħajja spiritwali tagħna; għax jekk nitilquk, oh Marija, għand min tridna mmorru, lejn min tridna nduru, għand min niġu nifirħu, għand min niġu nibku, ma' min nistgħu naqsmu t-tbatijiet u l-ferħ tagħna? Ftakar għalhekk li inti ommna. Naf li inti m'intix ser tinsa li inti ommna... għalhekk trid tgħinna biex aħna ma ninsewx li aħna wliedek!

Ħallini nsellimlek fl-aħħar bil-versi tal-poeta Patri Cuschieri li, bla tlaqliq, sejjaħ bħala l-aqwa ħin tiegħek dak meta l-Anġlu tal-Mulej ħabbarlek li kellek issir Omm Alla:

"'mma ħin aqwa kien tiegħek, Marija,
mita ħabbrek l-Arkanġlu Grabiel,
u fik għammar, bla telf tax-xbubija,
Dak li minnu meħlus Israel.

Alla tiegħek, fik demmek jiġġerra,
b'ħalib sidrek int Lilu rabbejt,
int għallimtu jitkellem u jimxi,
int il-ħlewwa ta' bewstu ħassejt."

Ħalli mela demmek ukoll jiġri f'demmna, ħalli nkunu nistgħu nibqgħu niftaħru kemm itulu ż-żmenijiet li l-isbaħ warda f'dar-raħal mimli ġonna, hi l-qalb tagħna l-Balzanin, mimlija sax-xifer b'imħabba għalik, oh Marija!

PROFILI BALZANIN — 9

DUN ĠWANN GALEA



Ir-Rev. Dun Ġwann Galea twieled l-Isla fit-2 ta' Awwissu, 1907, minn Pawlu u Pawlina mwielda Ruggier.

Ta' ftit snin beda l-istudju tiegħu fl-Iskola Primarja tal-Gvern, imbagħad, kompla fl-iskola privata tal-Kan. De Domenico, li kienet fl-Isla wkoll. Ta' erbatax-il sena daħal jaħdem fit-Tarzna ta' Malta bħala ħaddied, fejn dam disa' snin. Matul dan iż-żmien huwa kien soċju fil-M.U.S.E.U.M. ta' l-Isla, u fis-sena 1930, jiġifieri ta' tlieta u għoxrin sena, daħal is-seminarju. Fil-25 ta' Lulju, 1937, qaddes l-ewwel quddiesa solenni fil-Knisja ta' San Filippu, l-Isla.

Matul l-1937-1940 kien jaħdem bħala qassis fil-knisja ta' San Filippu, u matul il-gwerra nsibuh refuġjat fil-parroċċa ta' Ħal Lija fejn dam sentejn.

Kien fis-sena 1942 li l-Isqof Mawrizju Caruana bagħtu jaħdem fil-parroċċa ta' Ħal Balzan biex b'hekk ikun jista' jgħin lill-Kappillan Zahra. Minn dik is-sena sal-lum, Dun Ġwann baqa' dejjem jaħdem fil-Parroċċa tagħna.

Matul il-karriera tiegħu, Dun Ġwann Galea, kif insibuh il-Balzanin kollha, ħadem fl-Azzjoni Kattolika Maltija bħala Ass. Ekkleżjastiku, kif ukoll fil-Legion of Mary. Iżda żgur li l-aktar jibqa' mfakkar f'moħħ il-Balzanin bħala l-bniedem li ħadem bis-sħiħ biex ikabbar fostna imħabba qawwija lejn il-Missjoni.

Dun Ġwann ħadem taħt tliet Kappillani, jiġifieri Zahra, Minuti u Sciberras, u ta' min jinnota li huwa kien Vigarju Kurat sakemm ħa n-nomina ta' Kappillan il-Kan. Dun Karm Sciberras.

Dun Ġwann għamel il-festa biex ifakkar il-25 sena tas-saċerdozju tiegħu fl-1962.

IL-BNIEDEM TAX-XITWA

• minn paġna 1

tapesta kien ilu li spiċċa u ntrema wara x-xebgħa xita li qala' fil-bitħa! Minfloku kien hemm ieħor magħmul mill-arzell u bebbux tal-baħar b'pasturi tal-plastik! Il-ġulbiena ma baqgħux ikabbruha huma d-dar iżda kienu jġibuha mkabbra lesta minn għand iz-zija. Il-kamra ta' l-ikel ma baqgħetx tintrama aktar. Dan kien Milied aktar kiesaħ minn ta' tfulitu iżda xorta kien fadal bosta ħwejjeġ li jistgħu jagħmluh hieni. Il-melodiji ta' daż-żmien kien iħosshom ukoll iħennulu qalbu għalkemm mhux daqs qabel. Quddiem il-Bambin ċkejken kien iħoss is-sejħa qaddisa biex jerġa' lura fit-triq il-qadima iżda kien iħossu dgħajjef wisq biex jerġa' jibda mill-ġdid minn fejn kien ħalla. Il-kumpannija ta' sħabu, ix-xorb, l-ikel, u x-xalar kienu malajr ibarrulu minn moħħu l-iċken ħsieb biex jerġa' jqiegħed idu fuq il-moħriet u fuq kollox kien jiftakar li "min iqiegħed idu fuq il-moħriet u jħares lura m'hux tajjeb għas-saltna tas-smewwiet!"

Is-sena ta' wara waslet ukoll u magħha l-kesħa xxoqq il-għadam ta' Jannar u Frar. Il-bies eħxen biex jilqa' ruħu minnha u aktar kutri kuluriti fuq soddtu biex bil-lejl ma jinġazzax. U hu jaħseb, jitlob u jikteb: 'Xitwa ħanina kompli imla l-ġwiebi u l-bjar bl-ilma tas-saħħa. Ħalli x-xita tiegħek tiknes it-triqat u tnaddafhom. Iċċaħħadniex minn dak li jista' jgħajjixna u kun twajba magħna aktar milli kont qabel. Ħa jżuruna b'qawwiethom irjiħietek mingħajr ma jġarrfu lilna, l-għamajjar u s-siġar tal-bliet u l-irħula tagħna. Xitwa ħanina sebbħilna artna mill-ġdid bil-ħajja tal-ħdura u roxx fuqna barka, sliem u ġid.'

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM
Irrikorru:
VITAFOAM MALTA LIMITED
Industrial Estate, San Ġwann (B'Kara)
Telephone: 36275/76